31.1.2024 A9-0014/102

**Emenda 102**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Din il-proposta hija msejsa fuq loġika falza li l-OĠM huma s-soluzzjoni għall-problemi li jiffaċċjaw il-bdiewa, inklużi l-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-monokultura ta' dawn iż-żrieragħ ġenetikament mhux diversi hija xi ħaġa li fil-fatt taggrava l-problemi li jiffaċċjaw il-bdiewa, u tnaqqas ir-reżiljenza tal-ekosistemi agrikoli. Jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jinvestu aktar fi prattiki agroambjentali tajbin (in-newba tal-għelejjel, it-taħlit tal-varjetajiet, il-polikultura, il-biedja organika) biex tiżdied ir-reżiljenza, peress li d-diversità ġenetika hija l-bażi reali tar-reżiljenza.*** |

Or. ga

**Emenda 103**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħar u ta' daqs medju, madwar l-Ewropa mmobilizzaw ruħhom kontra din il-proposta leġiżlattiva, u esprimew tħassib kbir dwar it-tixrid ta' OĠM bi privattiva u mhux traċċati fl-UE. Dan it-tħassib s'issa ġie injorat għal kollox.*** |

Or. ga


Magħquda fid-diversità

**Emenda 104**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) L-Aġenzija Franċiża għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel (ANSES) ippubblikat opinjoni li tiddikjara li l-kriterji għad-definizzjoni tal-OĠM li għandhom jiġu esklużi minn kull valutazzjoni, tikkettar u traċċabilità (NGT 1) mhumiex ibbażati fuq xi ġustifikazzjoni xjentifika u li n-nuqqas ta' ċarezza se jagħmilha impossibbli li tiġi vverifikata din il-kategorizzazzjoni. Barra minn hekk, huwa ta' tħassib kbir li l-ebda aġenzija Ewropea ma ntalbet tagħti opinjoni uffiċjali dwar ir-rilevanza xjentifika tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-proposta mhijiex sostnuta minn valutazzjoni xjentifika.*** |

Or. ga


Magħquda fid-diversità

31.1.2024 A9-0014/105

**Emenda 105**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Jeżisti network ta' bliet u reġjuni tal-OĠM li ilu stabbilit fl-UE, minħabba l-kontroversji dwar il-kultivazzjoni tal-OĠM. Il-bidliet fit-traċċabbiltà u t-tikkettar idgħajfu serjament l-awtonomija ta' dawn ir-reġjuni li ddikjaraw lilhom infushom ħielsa mill-OĠM. Din il-proposta ma tirrispettax id-dritt tar-reġjuni li jibqgħu ħielsa mill-OĠM.*** |

Or. ga


Magħquda fid-diversità

31.1.2024 A9-0014/106

**Emenda 106**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) Huwa dritt bażiku tal-konsumatur li jkun jaf x'qed jixtri u jikkonsma. Li wieħed ikun jista' jiddistingwi x'inhu OĠM u dak li mhuwiex huwa essenzjali għall-konsumaturi li jixtiequ jevitaw l-OĠM.*** |

Or. ga


Magħquda fid-diversità

31.1.2024 A9-0014/107

**Emenda 107**
**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Article 1 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi ***għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq*** ta' pjanti miksuba minn ***ċerti tekniki*** ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") ***u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti***. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi ***li jipprojbixxu r-rilaxx intenzjonat*** ta' pjanti miksuba minn ***tekniki*** ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT"). |

Or. ga